**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 3 ta' Frar, 2016**

**Talba Nru: 868/15  DMA**

**Clifford Galea**
**(ID. 580585M)**

**Vs**

**Anthony Cilia**
**(ID. 325278M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Novembru, 2015 fejn l-attur talab illi permezz ta' skrittura privata (Dok A) datata tmienja (8) ta' Novembru elfejn u tnax (2012), l-esponenti flimkien mal-konvenut Anthony Cilia u John Bugeja, hadu b'titolu ta' lokazzjoni l-hanut bl-isem 'café ta' MArku' illum mgharuf bhala 'Ta' Marku Wine Bar & Bistrot' f'numru hamsa (5) Sqaq Numru sitta (6) fi Triq Santa Lucija fin-Naxxar.

Illi permezz ta' skrittura privata (Dok B) datata dsatax (19) ta' Novembru elfejn u tnax (2012), l-esponenti flimkien mal-konvenut u John Bugeja ftehmu li jiffirmaw socjeta' ossia partnership bejniethom, li l-istess partnership giet xolta permezz ta' skrittura (Dok C) datata disgha (9) ta' Dicembru elfejn u erbatax (2014).

Illi l-istess socjeta' li kienu ffurmaw l-esponent Galea, John Bugeja u Anthony Cilia kienet debitrici lil terzi, u ghalhekk fl-istess hin tad-disgha (9) ta' Dicembru elfejn u erbatax (2014), bhala ma jidher fis-sitt Artikolu tal-istess skrittura, Anthony Cilia obbliga ruhu li jhallas pagament mensili ta' mitejn ewro (€200) lill-esponent Clifford Galea sabiex jithallsu  mill-esponent lil kreditur BOV plc.

Illi ghalkemm ghaddew diversi xhur, u gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk qed issir din il-kawza a bazi tat-tmien artikolu fl-iskruttura datata disgha (9) ta' Dicembru elfejn u erbatax (2014).

Ghaldaqstant l-esponent qed jitlob bir-rispett lil dan Onorabbli Tribunal jogghbu;

Jiddikjara lil konvenut bhala debitur tal-esponent ghall-arretrati tal-ahhar xhur u cioe minn Dicembru sa Settembru li jammontaw ghal elfejn Ewro (€2,000).

Jikkundannah ihallas l-istess arretrati kif ukoll it-total tal-bilanc dovut minnu lil-esponenti, fl-ammont totali ta' elfejn hamsa mija tnejn u sebghin (€2,572) u dana skond l-iskrittura datata disgha (9) ta' Dicembru elfejn u erbatax (2014) u dana taht kull provediment li joghogbu jimponi.

Bl-ispejjez u l-interessi sad-data tal-pagament effettiv

Il-konvenuta debitament notifikata baqghat ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Dehret Dr RoseMarie fit-3 ta' Frar, 2016 ghall-attur li 'kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu u ma thallas xejn fil-mori tal-kawza.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut.

Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn hamsa mija tnejn u sebghin (€2,572) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**